# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1255

Kaz Nru. 1460

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Austin Grixti

u

Price Club Operators Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Illum : 18 ta' Jannar, 2002

**CHAIRMA:N: DR. JOSEPH P. BONNICI LL.D.**

INTRODUZZJONI

ILLI b'ittra datata 28 ta' Lulju, 2000, l-appellant talab lil Onor. Ministru ghall-Politika Socjali jirreferi l-kaz ta' terminazzjoni ta' impjieg lil dan it-Tribuinal sabiex jigi deciz ai termini tal-Kap. 266, liema riferenza saret fil-31 ta' Lulju, 2000.

**Dikjarazzjonijiet tal-kaz**

Illi l-appellant kien gie impjegat mis-socjeta intimata bhala Deputy Manager, wara zmien estiz ta' probation. Huwa kien imur tajjeb sia ma' shabu impjegati l-ohra ma' min jigi

tahtu, u sia mal-klijenti taghhom. Wara li ghaddew xi xhur tal-impjieg definittiv tieghu, huwa rceva notifika tat-terminazzjoni tal-impjieg.

Da parti taghha, is-socjeta' intimata ssottomettiet illi l-kumpanija kienet ghaddejja minn zmien ta' rinovar u ristrutturar. Hija tat cans adegwat lill-appellant sabiex jintegra ruhu fl-iskwadra manigerjali tal-kumpanija. Ghal darba darbtejn inghata prova, il-perijodu tal-probation gie estiz u konfermat fil-post. Pero' fil-ftit xhur sussegwenti, huwa ddizappunta ferm tant li l-ilmenti kienu ta' under performance li wassal sabiex l-impjieg tieghu gie terminat fuq hekk.

FATTI

Il-provi prodotti miz-zewg partijiet jaghtu stampa konfliggenti ghal dik allegata minn kull parti rispettiva. Huma jaghtu stampa differenti ghal dawk il-fatti li effettivament okkorrew. David Gatt, Mario Ellul, u Chris Gauci xehdu fuq in-nuqqas ta' ottemperanza mad-direttivi lilu moghtija, l-inkapacita' biex jambjenta ruhu fuq il-post tax-xoghol, nuqqas ta' vizjoni u non-koperazzjoni mal-klijenti. Fi ftit kliem ma kienx tajjeb ghax-xoghol. Minn naha l-ohra Martin Spiteri, Aldo Farrugia, Paul Peregin kienu konfortanti fit-tezi appellanti.

KONSIDERAZZJONIJIET

--------------------------------

Illi huwa risaput li fiz-zmien kontemporanju, is-sid ta' azjenda jrid ikollu kuncett modern ta' tmexxija sia fl-interessi tieghu mil-lat ta' investiment u sia mill-assi tieghu ta' rizorsi umani. Vizjoni fejn irid jasal b'sens ta' direzjoni kombinata bi skwadra ta' nies tal-klassi manigerjali kapaci u professjonali. Huwa ezattament ghalhekk li l-perijodu ta' probation huwa ferm importanti ghal principal biex jara fejn iwassal l-impjegat prospettiv. Una volta pero' l-istess perijodu jiskadi u jibqa' fl-impjieg, allura jiskattaw il-mizuri ta' protezzjoni disponibbli favur l-istess impjegat.

Il-provvedimenti tal-Kap 135 (CERA), l-istess Kap. 266 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali jimpingju dwar il-fakolta' moghtija lil principal biex jittermina impjieg manigerjali. Dan il-punt gie estensivament trattat fil-kaz numru 1237 fl-ismijiet Martin Gauci vs. Metalfit Ltd. deciz fit-12 ta' Mejju, 2000.

Illi dak li dan it-Tribunal ihoss ferm preokkupanti illi fi zmien xahrejn jew tlieta,, l-appellant gie denucjat bhala inkompetenti jew inkapaci li jaqdi d-doveri tieghu. Ta' bilfors l-appellant ihossu urtat bil-komportament tal-principal. Dan l-istat ta' fatt huwa nkoncepibbli billi persuna f'dik u ta' dik il-kariga ma tinbidilx f'hakka t'ghajn. Aktar u aktar meta in-nies li kienu jigu tahtu u l-istess kollegi tieghu ma sabu xejn x'imaqdru fih. Huwa ferm mistur kif inbidel l-appellant u kif l-istess sidien ikkonstataw velocement li l-appellant ma kienx ighodd ghalihom jew ma jaqdix l-esigenzi taghhom.

Il-fatti jru xort'ohra kif del resto anki d-dokumenti esibiti mill-istess appellant li ma gewx kontradetti mis-socjeta' intimata. Ittra datata 27 April, 1999 – appointment, 15 ta' Ottubru,1999 – salary structure, u 17 ta' Dicembru, 1999 estensjoni tal-probation.

Li kieku l-impjieg gie terminat entro dan il-perijodu, l-appellant ma kienx ikollu fuq hiex jillamenta. Huwa gustifikat il-lament tieghu wara dak il-perijodu. Is-socjeta' intimata ma sahhitx l-allegazzjoni taghha li t-tkeccija kienet wahda gusta.

KUMPENS
--------------

Kif gja kellu okkazzjoni jirrileva, it-Tribunal huwa tal-ferma opinjoni illi d-dritt tax-xoghol huwa sagrosant u ghandhu jigi rispettat sia minn dak li jirrikjedieh u sia minn min jaghtih. Veru li l-appellant ma kienx ilu fl-impjieg tieghu pero' il-futur qasir tieghu flimkien mal-pjanijiet maghmula gew totalment imharrbta. Ma ghandhux ikun daqshekk facili u relattivament ekonomikament irhis li principal jittermina impjieg tal-impjegat tieghu li ilu zmien relattivament qasir mieghu. L-impjieg huwa istitut serjissimu fejn tigi nvoluta r-relazzjoni umana. Veru li jista' jigi konsidrat bhala partenza min norma solita.

Pero' f'din l-era moderna qed jigi rikjest biex issir gustizzja ma' minn sofra l-ingustizzja. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal ihoss li kumpens adegwat jikkonsisti fl-ammont ta' tlett' elef lira Maltija (Lm3000).

KONKLUZJONI
---------------------

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kwistjoni billi jiddikjara li t-tkeccija tal-appellant ma saritx ghal raguni gusta, u jiffissa l-kumpens dovut fis-somma ta' Lm3000 (tlett elef lira Maltija).

B'hekk din il-kwistjoni tax-xoghol giet definittivament terminata.

Ghal fini ta'tassazzjoni tad-drittijiet, jigi ffissat is-somma ta' Lm25 (hamsa u ghoxrin lira Maltija.

.........................................................
DR. JOSEPH P. BONNICI LL.D.

CHAIRMAN